**18 ta' Frar, 1959**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Il-Maestà tar-Reġina

*versus*

Karmnu Falzon

**Provi — Xhieda — Eżenzjoni milli Jixhdu — Art. 629(2) tal-Kodiċi Kriminali.**

*Il-liġi tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li, minħabba fil-grad ta' konsangwinċità, tar-ripunjanza tax-xhud li jiddeponi kontra l-mara jew kontra r-raġel, jew: fost każi oħra, kontra axxendent, u minħabba fiċ-ċirkustanzi partikulari tal-każ, ma tikkostrinġix li j'xhed lix-xhud li juri li ma jixtieqx jixhed kontra l-persuna li tiġi minnu bil-mod kif intqal.*

*Fil-każ preżenti, fejn l-akkużat kien imputat b'reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kommess kontra bintu b'theddid u b'abbuż tas-setgħa ta' missier, eżerċitat id-diskrezzjoni tagħha favorevolment, billi eżentat milli jixhdu kontra tiegħu lill-martu u lill-bintu, li k'enet il-vittima tad-delitt lilu attribwit.*

Il-Qorti:— Rat l-att tal-akkuża nru. 9274, li bih Karmnu Falzon ġie akkużat li b'għemil żieni kkorrompa per-

suna ta' taħt l-età, b'dan illi d-delitt sar b'theddid u min axxendent mid-demm tal-persuna mħassra u b'abbuż tas-setgħa ta' missier;

Rat il-verbal tal-lum, li minnu jidher li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni Teresa Falzon, il-mara tal-akkużat, u Antonia Falzon, bint l-akkużat u l-allegata vittima tad-delitt addebitat lill-akkużat, meta dehru biex jixhdu, talbu li jiġu eżentati milli jagħtu x-xhieda tagħhom;

Semgħet l-Avukat tal-Kuruna u d-difensur tal-akkużat;

Ikkunsidrat;

Skond l-art. 629(2) tal-Kodiċi Kriminali, huwa mħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li minħabba fil-grad ta' konsangwinetà, tar-ripunjanza tax-xhud li jiddeponi kontra l-mara jew kontra r-raġel, jew, fost każi oħra, kontra axxendent, u minħabba fiċ-ċirkustanti partikulari tal-każ, ma tikkostrinġix li jixhed lix-xhud li juri li ma jixtieqx jixhed kontra l-persuna li tiġi minnu bil-mod kif ntqal;

Antonia Falzon, ta' erbatax il-sena u nofs, iddikjarat li tixtieq ma tixhedx, peress li l-akkużat huwa missierha; u Teresa Falzon iddikjarat hija wkoll li tixtieq li ma tixhedx peress li għandha familja ta' sitt itfal u issa, wara li rriflettiet aħjar, tħoss ripunjanza li tixhed kontra żewġha;

Taħt iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tħoss li għandha tuża l-diskrezzjoni tagħha favorevoli għall-eżenzjoni tal-imsemmija xhieda, kif din il-Qorti kienet għamlet fil-kawża "Reġina vs. Gunner Michael Aquilina", 3 ta' Diċembru 1958;

U għalhekk tiddispensa lil Teresa Falzon u lil Antonia Falzon milli jixhdu f'din il-kawża.